Minuti tal-laqgħa numru tmienja u għoxrin (28) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2020, fis-6.35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku* |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku* |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier** |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier** |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier*** |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE)* |

* Kienu fl-uffiċċju amministrattiv fiżikament

** Daħlu fuq skype fis-6.35pm

*** Daħlet fuq skype fis-6.45pm

28.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u Ittri ta' Apoloġija

Is-SE qal it-talba.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa ma setgħetx tibda' sakemm intlaħaq quorum fis-6.30pm.

Ittri ta' apoloġija ma kienx hemm.

28.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sitta u għoxrin (26).**

Minuti

Il-**minuti tas-seduta sitta u għoxrin (26)** kienu għand il-kunsillieri mal-agenda tas-sebgħa u għoxrin (27) laqgħa u meħuda bhal moqrija u kienu mgħoddija għall-vot billi kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti. Kien hemm vot favur unanimu u dawn kienu approvati.

28.03 **Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 316 u tal-Works/Purchase Orders numru 35**

Ċedola tal-pagamenti u ordni ta' xogħlijiet u xiri

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru **316** żdidulha 5 *items* oħra minn **13593-7** fit-tmiem tagħha minħabba n-natura urġenti ta' kontijiet jistennew il-pagament u din kienet approvata flimkien mal-lista tal-ordnijiet ta' xogħolijiet numru **35.**

## 28.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Mistoqsijiet

28.04.01 Dwar il-proposta li kien issottometta l-KLR għall-**qtates stray,** is-SE qal illi l-mediċini ta' wara l-operazzjonijiet li jitwettqu fuq in-*neutering* se jkunu kollha mħallsa mill-KLR, madankollu hemm ammont ta' vouchers illi hu mistenni li jinġiebu minn għand il-Gvern Ċentrali biex il-*cat feeders* jużawhom għan-*neutering* li jista' jsir biss fi tliet kliniċi li diġa' ġew identifikati. Din il-mistoqsija tqajmet wara li s-SE tefa' post fuq *facebook* biex ikunu identifikat in-numru preċiż tal-qtates *stray* li għadhom m'humiex *neutered.*

Qtates Stray

28.04.02 Għall-mistoqsija oħra dwar id-dewmien mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) biex jingħata t-tarmak mill-Gvern Ċentrali **fit-tela' tal-Imtaħleb,** is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi llum reġa' beda x-xogħol u qed jingħata t-tarmak hekk kif ħdiet ix xita li għamlet dan l-aħħar skont il-programm. Kris Grech qal illi hu nfurmat illi l-parti l-aktar imħarbta mill-*Bus Stage*, sal-Bambinu, mhux se jissuktaw ix-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak qabel Mejju 2021. Is-Sindku stieden lilu u lill-kunsillieri kollha sabiex nhar il-21 ta' Diċembru f'nofsinhar jattendu laqgħa li għandu mal-KSI fl-uffiċċju tal-KLR. Kris Grech qal ukoll illi l-ħaddiema tal-kuntrattur ta' Infrastruttura Malta qed jitfgħu il-materjal tat-tqaxxir fil-wied. Is-Sindku qal illi għandna nirrappurtaw lill-KSI.

Xogħlijiet fl-Imtaħleb

28.04.03 Għall-proposta biex il-KLR jipprepara d-dokumentazzjoni bil-Perit biex ikunu **skedati numru ta' toroq** fir-Rabat, is-SE informa lill-kunsillieri illi dan sar kif kien deċiż fil-laqgħat preċedenti. Se ninsistu mal-Perit biex jissottometti l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar f'isimna.

Talba għal skedar ta' toroq fir-Rabat

28.04.04 Is-Sur Nazju Cassar staqsa jekk ix-xogħlijiet fuq il-**bankina fi Triq iż-Żahar**, sarux mill-KLR. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus wieġbu li dawn saru mill-KLR. Għaldaqstant is-Sur Nazju Cassar talab spjegazzjoni għaliex ma qabbadniex il-kuntrattur tal-KLR, u x-xogħol sar b'*direct order.* Is-Sindku wieġbu dak il-ħin stess.

Bankina fi Triq iż-Żahar

28.04.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' x-**xogħlijiet ta' żbir fil-Kunċizzjoni**. Hu qal illi dawn is-siġar maturi tal-prinjol qatt ma kienu tnaddfu u issa se jkun hemm post fejn il-viżitaturi se jkunu jistgħu jirrikrejaw ruħhom. Hu qal illi l-kuntrattur tal-KLR qiegħed ħafna attent sabiex ma ssirx ħsara lis-siġar. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żied jgħid illi fuq ir-restawr ta' din il-**Kappella tal-Kunċizzjoni,** kellu diskussjoni mal-Ministru għall-Kultura Nazzjonali, Arti u Kunsilli Lokali u għaddielu l-BOQ li tammonta għal aktar minn €175,000. Hu żied jgħid illi din hija kappella tal-istat u għaldaqstant il-Gvern hu mħajjar jirrestawraha. Saret referenza għall-festa li saret fit-13 ta' Diċembru u fuq is-servizz li taw it-TVM dwar dan l-irħajjel rurali li beda bl-introduzzjoni ta' dan l-aħħar tat-trasport pubbliku għall-Kunċizzjoni. Kien hemm suġġeriment illi aktar 'il quddiem il-KLR se jkun jista' joffri servizz ta' darba fis-sena biex ir-Rabtin ikunu jistgħu igawdu l-festi anke bħal dik ta' Santa Katerina tad-Daħla u tal-Vitorja tal-Imtaħleb, billi jkun provdut trasport li jitlaq minn fuq is-Saqqajja. Knisja oħra li reġgħet issemmiet fid-diskussjoni kienet dik ta' San Mikiel tas-Sanċier peress li kienet skedata mill-Awtorita' tal-Ippjanar u hija tal-Gvern Ċentrali u li wkoll jinħtiġilha restawr.

Żbir ta' siġar fil-Kunċizzjoni

Restawr tal-Kappella tal-Kunċizzjoni u dik tas-Sanċier

Trasport fil-festi ż-żgħar

28.04.06 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem dwar il-proġett tar-***refurbishment* tal-Bini Amministrattiv** fi Triq l-Isptar. Hu qal illi dan il-bini kien se jkun aċċessibbli fuq ġewwa u diffikultuż biex taċċessah minn barra, minħabba l-bankina

Refurbishment tal-bini amministrattiv

għolja u n-nuqqas ta' spazju biex issir rampa għal siġġu tar-roti. Hu sostna illi kemm-il darba nsibu soluzzjoni billi ssir pjattaforma taħdem bil-*hydrolic* biex ittellgħek il-ftit piedi li hemm bejn il-pjan u t-triq, din se tkun ta' benefiċċju għall-poplu Rabti kollu speċjalment għall-anzjani.

28.05 **Talba għal refużjoni ta' ħsara fur vettura fi Triq it-Tiġrija - Rapport tal-Pulizija dt 23.10.2019** — Talba għal refużjoni fuq ħsarat ta' vettura

Kien diskuss il-każ ta persuna li qed tfittex lill-Kunsill għaliex faqgħet tire f'toqba fi Triq it-Tiġrija. Kien innutat illi r-rapport tal-Pulizija sar ġurnata wara li sar l-aċċident. Għaldaqstant il-KLR ma laqgħax it-talba ta' din il-persuna u mhux se tingħata refużjoni tal-ispejjeż. Kien deċiż illi minkejja li s-SE hu fl-obbligu li kull każ jinġieb quddiem il-Kunsill biex jiddeċiedi hu, is-SE jibda' jkollu l-fakulta' illi f'ċirkustanzi simili (meta r-rapport isir wara l-inċident) joħroġ ir-risposta tiegħu li l-KLR mhux qed jilqa' it-talba tal-individwu sakemm il-pulizija ma tieħux ritratti hija stess tal-każ fuq is-sit.

28.06 **Pjan għall-immaniġjar tat-traffiku b'toroq one-ways: Bir ir-Riebu, Emanuele Vitale, Pierre Muscat u Mons A Buhagiar** — Pjan ta' toroq one-ways fir-Rabat

Il-KLR iddiskuta l-proposta ta' toroq *one ways* fir-Rabat u reġa' emenda s-site plan wara diskussjoni twila. Il-proposta finali hu maħsub li titressaq fi ħdan Transport Malta skont is-*site plan* murija.  Is-Sindku qal illi dan il-pjan se jkollu bżonn li ssir konsultazzjoni pubblika speċjalment mar-residenti. Intant, fiċ-ċirkustanzi tal-Covid 19 mhux se jkun possibbli li ssir laqgħa fiżika. Is-Sur Sandro Craus qal ukoll illi peress li bħalissa hemm Triq Għeriexem magħluqa minħabba xogħlijiet fuq il-promenade, il-KLR aħjar jieħu l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan tat-traffiku b'kawtela.

28.07 **Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv** — Deputat Segretarju

Il-KLR reġa' ġedded dak li kien ippropona fil-passat sabiex meta ma jkunx jista' jaqdi d-doveri tiegħu is-SE, jinħatar bħala Deputat Segretarju is-Sur Shawn Tanti li hu is-Segretarju Eżekuttiv ta' Ħad-Dingli.

28.08 **Eżodu tal-laqgħa pubblika dt 2.12.2020** — Laqgħa pubblika tal-lokalità

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-laqgħa pubblika tal-lokalità li kienet inżammet nhar it-2 ta' Diċembru 2020, intqal illi kien hemm 900 *views* fuq *facebook live* – il-pjattaforma użata waqt il-pandemija tal-Covid 19

28.09 **Eżodu tal-laqgħa mal-Pulizija (inkluż dawk tal-Komunità) dt 26.11.2020** — Laqgħa mal-Pulizija

Is-SE ipprovda l-minuti ta' din il-laqgħa li kienet ippreseduta mis-Sur Christopher Farrugia.

28.10 **Update tal-Proġett ta' quddiem il-Knisja tal-Baħrija** — Proġett tal-Pjazza tal-Baħrija

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi dwar il-proġett tal-**Pjazza tal-Baħrija** ta' quddiem il-Knisja l-ġdida, miexi sewwa u saru laqgħat individwali mal-Kummizzjoni Persuni bi bżonnijiet speċjali, l-Awtorita' tal-Ippjanar ecc.

28.11 **Talba għal donazzjoni mir-Rettur tal-Knisja tal-Baħrija biex isiru żewġ opri tal-arti.** — Talba għall-għajnuna

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus tkellem fuq it-talba li saret lill-KLR mir-Rettur tal-Knisja tal-Baħrija, Fr Ray Francalanza biex isiru żewġ biċċiet tal-arti fil-Knisja. Hu qal illi għandna nistiednu lir-Rettur sabiex jiġi jagħti aktar tagħrif dwar il-materja, filwaqt li is-Sur Nazju Cassar irrefera għall-iskeda Tmienja tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali (*approved donations for non-governmental organisations)* u qal illi

sfortunatament l-entita' mhix f'din il-lista. Is-Sur Rudolph Grima qal illi rridu noħolqu fond għall-patrimonju kulturali Rabti filwaqt li nivverifikaw dak li qed jgħid is-Sur Nazju Cassar mad-Dipartiment Gvern Lokali.

28.12 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni biex Shirley Bonanno titla' minn skala 15 għal skala 13 u Fabienne Vassallo titla' minn skala 13 għal skala 11.** Tibdil fl-iskali tal-ħaddiema

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus ippropona u ssekonda il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti sabiex tinħareġ sejħa pubblika (interna) għal skrivan/a fi Skala 13 filwaqt li kien hemm qbil unanimu illi is-Sra Fabienne Vassallo titla' fi skala 11 b'mod awtomatiku hekk kif fil-bidu tas-sena 2021 jippermetti l-kuntratt tax-xogħol tagħha awtomatikament.

28.13 **Update tal-Proġett tal-Pjazza tas-Saqqajja u n-niċċa ta' San Pawl** Niċċa ta' San Pawl u mmaniġjar tat-traffiku fuq is-Saqqajja

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi bħala Kunsill Lokali tar-Rabat, iltqajna mas-Soċjeta' fil-Każin tal-Banda L'Isle Adam dwar il-**proposta għas-Saqqajja** u ppreponejnielhom il-proġett skont kif iddiżinjat mill-Perit Charles Buhagiar. Il-minuti ta' din il-laqgħa huma disponibbli u bħalissa għaddejjin bid-diskussjoni mal-Perit biex niltaqgħu ukoll mal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp dwar in-niċċa ta' San Pawl ta' fuq is-Saqqajja.

28.14 **Ikla tal-Kunsillieri** Ikla tal-Kunsillieri

Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-imxija tal-Covid 19 l-ikla tħassret

28.15 **Punti Oħra** Punti Oħra

28.15.01 Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti tkellem dwar ir-*railings* li jridu jaqbdu magħhom persuni bi bżonnijiet speċjali fil-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ. Hu qal illi importanti ħafna illi jsiru għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ

28.15.02 Il-Viċi Sindku semma' l-bżonn li jkunu rrappurtati żewġ lampi bil-ħsara, waħda fis-Salvatur u l-oħra fi Triq ta' Qasgħa. Hu ta d-dettalji ta' min irrappurtahom, lis-SE. Lampi tat-toroq bil-ħsara

28.15.03 Is-Sur Chris Farrugia semma' l-bżonn li ssir iż-żabra tas-siġar fl-inħawi taċ-Ċagħqi u wkoll fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku. Hu issuġġerixxa biex jitħawwlu aktar siġar, kumment li is-Sur Nazju Cassar qal illi l-pjazza hi pjuttost fgata bis-siġar sfieq li hemm. Is-Sur Chris Farrugia semma wkoll il-bżonn li jiġu marbuta dritti is-siġar li hemm fi Triq Godwin Ganado għaliex ħarġu ħafna 'l barra. Siġar f'diversi postijiet fir-Rabat

28.15.04 Is-Sur Chris Farrugia semma' d-diffikultà li għandhom ir-residenti bil-*coaches* tat-trasport tal-iskola li qed jiġu taċ-Ċagħaqi u qed jimblukkaw kull ma hemm. Kien deċiż li jekk l-intervent tal-Pulizija tal-Komunità ma jkunx biżżejjed, għandu jkun infurmat il-Kap tal-Iskola ħalli javża lil dawn ix-xufiera biex ma jinġabrux hemm fil-11.30 meta l-istudenti jiskulaw fis-2.00pm. Ilmenti għar-residenti tal-Middle School

28.15.05 Chris Farrugia semma' l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għax ma kienx favur illi Triq il-Karrijiet jinbidlilha isimha għal Isqof Silvestru Magro. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi kien infurmat illi Triq il-Karrijiet għandha valur peress li dan it-tip ta' trasport antik hu assoċjati mal-Pitkalija li kienet teżisti diversi snin ilu fis-sit. Madankollu qed ikun suġġerit illi xi sqaq li jeżisti fl-inħawi ta' Triq Doni jiġi msemmi għal dan l-Isqof Rabti jew inkella nsemmu xi ġnien għalih. Triq L-Isqof Silvestru Magro u Triq il-Bażilika

Dwar il-proposta ta' Triq il-Bażilika flok Triq Santa Rita il-KLR se jibqa' kawt għaliex aktar jaqbel illi l-Pjazza tal-Parroċċa tissemma' għall-Bażilika.

28.16 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-20.18pm u se ssir dik li jmiss fis-6 ta' Jannar 2021 fis-6.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum 6.1.21 mis-Sur Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku